# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1085/2008

## tal-5 ta' Novembru 2008

## li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni li għalihom tressqet applikazzjoni minn tas-27 sa tal-31 ta' Ottubru 2008 għal prodotti taz-zokkor fil-kuntest tal-kwoti tariffarji u tal-ftehimiet preferenzjali

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 950/2006 tat-28 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi, għas-snin tas-suq 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009, regoli dettaljati għall-applikazzjoni għall-importazzjoni u l-irfinar ta' prodotti tas-settur taz-zokkor fil-kuntest ta' ċerti kwoti tariffarji u ċerti ftehimiet preferenzjali ([2]), u partikolarment l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Billi:

(1) Applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni tressqu lill-awtoritajiet kompetenti fil-perjodu minn tas-27 sa tal-31 ta' Ottubru 2008 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew ir-Regolament (KE) Nru 508/2007 tas-7 ta' Mejju 2007 li jiftaħ kwoti ta' tariffi għall-importazzjonijiet fil-Bulgarija u r-Rumanija taz-zokkor tal-kannamieli mhux raffinat għal provvista lil raffineriji fis-snin ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007, 2007/2008 u 2008/2009 ([3]), għal kwantità totali li hija daqs, jew aktar minn, dik disponibbli għan-numru tas-serje 09.4436.

(2) F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Kummissjoni għandha tiffissa koeffiċjent ta' allokazzjoni sabiex jinħarġu liċenzji skont il-proporzjon tal-kwantità disponibbli u/jew tinforma lill-Istati Membri li jkun intlaħaq il-limitu li kien iffissat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għall-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni mressqa minn tas-27 sa tal-31 ta' Ottubru 2008 f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 950/2006 u/jew l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007, għandhom jinħarġu liċenzji fil-limiti kwantitattivi stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 122, 11.5.2007, p. 1.

*ANNESS*

**Zokkor Preferenzjali; l-AKP u l-Indja**

**Il-Kapitolu IV tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/09**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4331 | Il-Barbados | 100 | |
| 09.4332 | Il-Beliż | 100 | |
| 09.4333 | Il-Kosta tal-Avorju | 100 | |
| 09.4334 | Ir-Repubblika tal-Kongo | 100 | |
| 09.4335 | Il-Fiġi | 100 | |
| 09.4336 | Il-Ġeorġja | 100 | |
| 09.4337 | L-Indja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4338 | Il-Ġamajka | 100 | |
| 09.4339 | Il-Kenja | 100 | |
| 09.4340 | Il-Madagaskar | 100 | |
| 09.4341 | Il-Malawi | 100 | |
| 09.4342 | Il-Mawrizju | 100 | |
| 09.4343 | Il-Możambik | 100 | |
| 09.4344 | Saint Kitts u Nevis | — | |
| 09.4345 | Is-Surinam | — | |
| 09.4346 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4347 | It-Tanzanija | 100 | |
| 09.4348 | Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4349 | L-Uganda | — | |
| 09.4350 | Iż-Żambja | 100 | |
| 09.4351 | Iż-Żimbabwe | 100 | |

**Zokkor kumplementari**

**Il-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/09**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4315 | L-Indja | — | |
| 09.4316 | Pajjiżi firmatarji tal-Protokoll AKP | — | |

**Zokkor konċessjonijiet CXL**

**Il-Kapitolu VI tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4317 | L-Awstralja | 0 | Intlaħqu |
| 09.4318 | Il-Brażil | 0 | Intlaħqu |
| 09.4319 | Kuba | 0 | Intlaħqu |
| 09.4320 | Pajjiżi terzi oħra | 0 | Intlaħqu |

**Zokkor Balkani**

**Il-Kapitolu VII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4324 | L-Albanija | 100 | |
| 09.4325 | Il-Bożnja u Ħerzegovina | 0 | Intlaħqu |
| 09.4326 | Is-Serbja u l-Kosovo | 100 | |
| 09.4327 | L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | 100 | |
| 09.4328 | Il-Kroazja | 100 | |

**Zokkor ta' importazzjoni eċċezzjonali u industrijali**

**Il-Kapitolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Tip | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4380 | Eċċezzjonali | — | |
| 09.4390 | Industrijali | 100 | |

**Zokkor APE supplimentari**

**Il-Kapitolu VIII bis tar-Regolament (KE) Nru 950/2006**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Pajjiż | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4431 | Il-Komoros, Il-Madagaskar, Il-Mawrizju, is-Seychelles, iż-Żimbabwe | 100 | |
| 09.4432 | Il-Burundi, il-Kenja, ir-Rwanda, it-Tanzanija, l-Uganda | 100 | |
| 09.4433 | Is-Sważiland | 100 | |
| 09.4434 | Il-Możambik | 100 | |
| 09.4435 | Antigwa u Barbuda, il-Baħamas, il-Barbados, il-Beliż, Dominika, ir-Repubblika id-Dominikana, Grenada, il-Gujana, Ħaiti, il-Ġamajka, Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, u l-Grenadini, is-Surinam, it-Trinidad u Tobago | 100 | |
| 09.4436 | Ir-Repubblika Dominikana | 98,3284 | Intlaħqu |
| 09.4437 | Il-Fiġi, il-Papwa-Ginea Ġdida | 100 | |

**L-importazzjoni taz-zokkor taħt il-kwoti tranżizzjonali tat-tariffi miftuħin għall-Bulgarija u r-Rumanija**

**L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 508/2007**

**Is-sena tas-suq 2008/2009**

| Nru tas-serje | Tip | % tal-kwantitajiet mitluba għall-ġimgħa minn 27.10.2008-31.10.2008 | Limitu |
|---|---|---|---|
| 09.4365 | Il-Bulgarija | 0 | Intlaħqu |
| 09.4366 | Ir-Rumanija | 100 | |